# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 92

17 ta' Diċembru, 2018

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.42 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea– Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 92**

92.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
92.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 91 – 8;
92.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
92.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
92.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
92.6 Il-Proġett tal-Pjazza Santa Margerita;
92.7 Skema ta' Għajnuna għal Attivitajiet Kulturali;
92.8 Nominazzjoni ta' President tal-Kunsill Skolastiku;
92.9 Performance Bonus tal-Impjegati 2018;
92.10 Ilmenti u Suġġerimenti;
92.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 12/2018;
92.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 92.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

92.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kunsilliera Maria Cassar Sultana kellha tattendi għal din il-laqgħa aktar tard.

## 92.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

92.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċidenti Nru. 91 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi u b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 92.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

92.3.1 Is-Sindku qal li bħal ma kien qal fil-laqgħat preċidenti l-Kuntrattur Road Construction Ltd. beda x-xogħolijiet fi Triq l-20 ta' Lulju biex imbgħad isir il-major patching fi Triq Saguna iżda dawn ix-xogħolijiet ma tkomplewx. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru 2018 kiteb lill-Kuntrattur li kiser il-ftehim tal-kuntratt peress li dan jgħid li x-xogħolijiet iridu jsiru fi żmien għaxar ġimgħat u għalhekk il-Kunsill qed jikkunsidra li dan jibda jeħel il-multa. Il-Kunsill qabel ma dan ġa la darba l-Kuntrattur ma honorax il-kuntratt.

92.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratturi ta' Agri and Pet Supplies Ltd. li kien rebaħ l-offerta ta' Urban Green Project lesta x-xogħolijiet tiegħu w anke Xerri's Garden Centre ħawwel diversi arbuxxelli fil-Ġnien tal-Bidwi biex b'hekk intefaq il-fond miksub minn dan il-proġett. B'hekk it-tħawwil tas-siġar u l-arbuxxelli tħawwel kollu. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li peress li fil-Ġnien tal-Bidwi sar it-tħawwil ta' diversi arbuxxeli kien hemm il-bżonn li dan il-ġnien jerġa jinħarat għalhekk l-Għaqda tal-Armar tqabdet biex tagħmel dan ix-xogħol. Għax-xogħolijiet ta' Triq l-Isqof David Cocco Palmieri l-Kunsill għadu qed jistenna mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar biex ikun jista jwettaq dan il-proġett u jitħawlu s-siġar f'posthom u li bħalissa jinsabu fil-Ġnien tal-Bidwi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Ministeru għal Ambjent u tibdil fil-Klima għadda l-aħħar parti tal-pagament ta' €7,500 għal manutenzjoni ta' dan il-proġett.

92.3.3 Is-Sindku qal li x-xogħolijiet tal-ħadid tal-fencing tal-playing field fi Triq it-Tabib Anton Tabone u Triq Marziena minn fondi li kienu ġew miksuba tal-U.I.F. Planning Authority wasal fi stadju li jitlesta. Dwar il-gate din ma kienetx nkluża fil-kwotazzjoni miksuba, apparti dan, il-Kunsill irid parir ta' kif dan irid isir.

92.3.4 Is-Sindku qal li l-E.T. il-President ta' Malta, Marie Louise Coleiro Preca se żżur il-lokalita' Ta' Sannat nhar il-Ħadd 23 ta' Diċembru 2018 bejn it-3.25 p.m. u 3.55 p.m. fejn ser tingħata s-somma miġbura mill-envelopes li jkunu offrew ir-residenti Ta' Sannat fil-kaxxi apposta fl-uffiċċju tal-Kunsill u fil-Knisja kif ukoll mill-attivita' tal-Jum Dinji tat-tfal b'risq il-MCCF. Il-Kunsill diġa stieden lil kor ta' tfal Fjur il-Martri Margerita biex ikantaw xi kant tal-Milied waqt din l-attivita' pero għadhom bla risposta dwar dan. Is-Sindku qal li se jkellem lil Arċipriet biex din l-attivita' issir maġenb iż-żuntier tal-Knisja fuq in-naħa ta' Ċenċ. Il-Kunsill qabel li għandu jaħseb għal sound system.

92.3.5 Is-Sindku qal li l-ġbir tal-iskart reċiklabbli mhux se jinġabru nhar it-Tlieta fil-Milied u fl-ewwel tas-sena iżda se jinġabru l-għada l-Erbgħa flimkien mall-borża tal-organiku.

92.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali talbet lill-Kunsilli li minn jixtieq jiffirma l-ftehim dwar il-ħaddiema tal-CWSEF li l-Kunsilli għandhom assenjati magħhom. Dan sabiex l-Assocjazzjoni tkun tista toffri l-assistenza tagħha f'dan ir-rigward biex b'hekk ikun hemm uniformita' fis-sitema u anki nissalvagwardjaw l-interessi tal-Kunsill filwaqt li nħarsu l-interessi tal-ħaddiema konċernati. Għalhekk il-Kunsill qabel li jiffirma dan il-mandat.

## 92.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

92.4.1 Ma kienx hemm tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

## 92.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

92.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kont għax-xogħolijiet fi Triq Bardan b'fondi ewropej miksuba minn Miżura 4.3 mill-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. u li x-xogħol fuq din it-triq tlesta f'Settembru li għadda għadu ma ġiex ċċertifikat mill-perit peress li l-kuntrattur kellu jiċċara xi punti minn dan il-kont. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellu jerġa jgħamel talba għal estensjoni ta' xahrejn oħra cioe' sat-28 ta' Frar 2019. Il-Kunsill qabel ma dan.

92.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li llum ser issir il-Laqgħa Nru. 78 tar-Reġjun Għawdex fis-7.15 p.m. Is-Sindku qal li se jattendi għal din il-laqgħa.

92.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ANSEK se torganizza kors dwar GDPR (data protection) u li hu se jattendi. Dan il-kors se jsir f'Jannar li ġej. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv jattendi għal dan il-kors.

92.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill ġabar il-pagament ta' €400 mill-iskema ta' finanzjament favur il-komunita' għal-Libreriji Lokali/Reġjonali tad-DLG, fejn il-Kunsill kien applika biex jiġi nstallat airconditioner fil-librerija lokali. Hu qal illi dan l-airconditioner ġie nstallat diġa fil-jiem li għaddew.

92.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-offerta Nru. SNTLC 09/2018 Restoration of Rubble walls in Ta' Sannat minn M 4.4 ħarġet u tinsab miftuħa. Din l-offerta tgħalaq nhar il-Ħamis 10 ta' Jannar 2019 fid-9.30 a.m. Hu qal ukoll li riċenti ġie ffirmat il-kuntratt ta' din l-Miżura. Il-Kunsill Lokali għandu japplika għal co-financing mad-DLG ta' dan il-proġett.

92.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur li żejjen Triq Sannat u Pjazza Santa Margerita bi dwal dekorattivi sab xi problemi fil-ventijiet meta dan ġie biex jinstalla dawn id-dwal u għalhekk talab biex jitħallas differenza aktar ta' €180 għal ventijiet ġodda ta' pavaljun minnhom, stilla u flood light għal mall-presepju. Il-Kunsill qabel ma dan.

92.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Ministeru għal Għawdex għat-tieni sena konsekutiva ħarġet skema fuq ir-restawr ta' monumenti ta' valur storiku w artistiku. Il-Kunsill Lokali għandu jara għal xhiex jista japplika.

92.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Uffiċjal Eżekuttiv talbet jekk tistax terfa 32.40 hrs. vacation leave għas-sena 2019. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu jaqbel ma dan u l-Kunsill qal li ma jsibx oġġezzjoni.

92.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li CCTV camera li hemm fil-Ġnien tal-Bidwi mhux qed taħdem u li hemm ħsarat li ma tissewiex. Hu qal li diġa ħa tentattiv biex jiġbor kwotazzjonijiet għal xhini l-ispisa. Il-Kunsill qabel ma dan.

92.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

| | |
|---|---|
| SPI 13/2018 | Ħruġ ta' permessi għad-Depożitu ta' Krejn jew Makkinarju ieħor waqt il-bini, kostruzzjoni jew demilizzjoni ta' xi bini jew proġett ieħor li jwassllu għall-għeluq ta' Triq jew parti minnha – Kunsill Lokali jrid javża lil Transport Malta erbat'ijiem qabel ma jsir ix-xogħol. |
| SPI 14/2018 | Tgħarif dwar in-numru ta' Qtates fit-toroq (strays) u min qed jitmagħhom. |

## 92.6 Il-Proġett tal-Pjazza Santa Margerita

92.6.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li llum għalqet l-offerta SNTLC 08/2018 Repaving of Pjazza Santa Margerita u l-bord iltaqgħa dritt wara biex jaġġudika u jevalwa din l-offerta. Il-Bord kien kompost minnhu bħala Chairman l-Avukat Mario Scerri, l-Accountant Pauliana Said, L-Perit Gordon Vella u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Is-Sindku qal li kellu jinħatar il-Perit Gordon Vella peress li l-Perit Shawn Micallef li kien maħtur mill-Ministeru għal Għawdex attenda bħala osservatur. Presenti ma dawn kien hemm il-Perit Edward Scerri li hu l-perit ta' dan il-proġett. Kien hemm żewġ offeranti li offrew l-offerta tagħhom għal din is-sejħa. Mill-Bill of Quantities irriżulta li l-irħas offerta kienet xi 44% għola mill-buġit għal dan il-proġett u għalhekk huma se jippreparaw ir-rapport biex din l-offerta terġa toħroġ għat-tielet darba. Rigward Triq Sannat se jsir ftehim ġdid mall-Ministeru għal Għawdex dwar din it-triq.

## 92.7 Skema ta' Għajnuna għal Attivitajiet Kulturali

92.7.1 Is-Sindku qal li l-Ministeru għal Għawdex nediet skema ta' għajnuna għal attivitajiet kulturali fil-gżira Għawdxija. Wara li l-Kunsill qara u evalwa għal xhiex jista japplika l-Kunsill se japplika għall-attivita' tad-dramm għal żmien l-Għid u attivita' ta' wine festival. Il-Kunsill qabel ma dawn l-attivitajiet. Is-Sindku qal li se jiltaqa' mas-sottokumitati ta dawn l-attivitajiet biex il-Kunsill ikun jista japplika.

## 92.8 Nominazzjoni ta' President tal-Kunsill Skolastiku

92.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ministeru ta' Edukazzjoni u x-Xogħol qed jgħati l-fakulta' lill-Kunsill Lokali li jista jinnomina persuna biex tiġi kkunsidrata mill-Ministru meta jaħtar President tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja Ta' Sannat peress li hemm din il-vakanza. Il-Kunsill ddeċieda li jinnomina lis-Sur Oliver Bonello ta' Triq Saguna.

## 92.9 Performance Bonus tal-Impjegati 2018

92.9.1 Is-Sindku qal li reġgħet għaddiet sena oħra u għalhekk ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-Performance Appraisal Report u Performance Bonus ta' l-Impjegati għas-sena 2018 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ġew approvati b'dan il-mod:

Is-Segretarju Eżekuttiv, Jason Curmi ġie mogħti 10%.
L-Uffiċjal Eżekuttiv, Geraldine Mercieca ġiet mogħtija 6%.
Is-Sindku flimkien mall-Kunsillieri preżenti rringrazzjaw lill-impjegati tax-xogħol tagħhom li sar matul is-sena 2018. Fil-kas tas-Segretarju Eżekuttiv, l-Appraisal Report u Performance Bonus 2018 ser jintbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tad-Direttur.

## 92.10 Ilmenti u Suġġerimenti

92.10.1 Is-Sinjura Helen Jones ta' Triq Palazz Palina, qed titlob li ssir kaxxa għal parking tad-disabled fl-istess triq. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba peress li din it-triq hija waħda li qed tiġi użata ħafna minn parkeġġ ta' vetturi u qal li fil-pjazza ta' quddiem il-Hotel Ta' Ċenċ fi Triq Ta' Ċenċ hu maħsub li ssir waħda meta jkun lest it-traffic management il-ġdid u approvat minn Transport Malta.

92.10.2 Is-Sur Lorry Zammit tal-KIP qed jitlob li jsiru yellow lines fi Triq Saguna biex ma jipparkjawx karozzi u jkun jista' jidħol bit-truck tal-ġbir tal-iskart domestiku. Il-Kunsill għandu jitlob fejn irid li dawn isiru qabel ikun jista japplika ma Transport Malta.

92.10.3 Is-Sur George Galea ta' Triq Saguna qed jilmenta dwar żibel li qed jitpoġġa quddiem ir-residenza tiegħu. Huwa qed jitlob li ssir xi ħaġa dwar dan peress li ma jridx aktar żibel quddiem tiegħu. Is-Sindku qal li f'din iz-zona kien hemm T-Shape hanger u li din ġiet misruqa. Il-Kunsill qabel li din għandha terġa tiġi nstallata.

92.10.4 Is-Sinjura Mary Anne Gauci ta' Triq Dun Xand Aquilina qed titlob biex ssir kaxxa tal-parking tad-disabled fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li wieħed mill-parking bays minn fuq jintalab biex isir wieħed għal-disabled parking.

92.10.5 Is-Sur Mario Cordina ta' Triq Gerxija bagħat e-mail bir-ritratti fejn qiegħed jitlob li jsiru double yellow lines peress li ma jkunx jista jidħol u joħroġ bil-vettura tiegħu. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

92.10.6 Is-Sur Brian Vella ta' Triq Santa Marija qed jitlob li jsir il-patching f'din it-triq. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba għaliex din hija trinka tad-drenaġġ u li hi responsabilta' tal-kuntrattur li din tkun rranġata kif suppost.

92.10.7 Is-Sindku tal-Munxar bgħatet imejl bir-ritratti dwar ħajt perikoluż fi Triq Marziena. Il-Kunsill se jibgħat dan l-ilment bis-sistema tal-IMU tal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill qabel ma dan.

92.10.8 Il-Ħaddiema tal-CWSEF li l-Kunsill għandu assenjati qalu li fil-Ġnien tal-Bidwi hemm bżonn li jiġu nstallati tabelli fl-entratura biex f'dan il-ġnien ma jidħlux klieb, dan peress li qed isibu wisq ħmieġ minn tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jeħel dog litter bin u tabelli Clean after your dog.

92.10.9 ***Fit-14.52 p.m. il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana daħlet għall-laqgħa tal-Kunsill.***

92.10.10 Is-Sindku qal li fi Triq tal-Gruwa xi bdiewa qed jitolbu li jsir water culvert biex ma ssirx ħsara fil-wiċċ tar-raba' tagħhom.

92.10.11 Il-Viċi Sindku qalet li fuq insistenza ta' xi ndividwi talbet biex issir tabela No Entry fuq pole fuq in-naħa l-oħra ta' triq fil-bidu ta' Triq ta' Bebunaq peress li dik li hemm mhux qed tiġi

kkalkulata mis-sewwieqa. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

## 92.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 12/2018

92.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 12/2018 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 92.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

92.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 10 ta' Jannar 2019, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 10 ta' Jannar 2019

IFFIRMATA

Philip Vella
Sindku

IFFIRMATA

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv